# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Jannar 2022**

**Talba Nru: 340/2019 JG**
**Numru fuq il-lista: 3**

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Felix Barbara u Richard Mangion għan-nom u in rappreżentanza ta' Eat Me I'm Famous Ltd, u l-istess Felix Barbara u Richard Mangion għan-nom u in rappreżentanza ta' Eat Me I'm Famous Ltd**

**Vs**

**Melvin Debono (ID 304591(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2019[1], l-atturi talbu li dan it-Tribunal jiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni riżultanti minn inċident li seħħ fid-29 ta' Mejju 2017 fl-istabbiliment Eat Me I'm Famous u

[1] A fol 1 *et seq.*

konsegwentement, jikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u wieħed u tletin Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,431.99). Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali, tal-proċeduri u l-imgħax;

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż;

Ra r-risposta tal-konvenut[2] permezz ta' liema huwa laqá għat-Talba billi eċċepixxa li l-azzjoni kif proposta hija insostenibbli minħabba l-fatt li hemm kawża kriminali pendenti, li l-azzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt u li l-ammont huwa eċċessiv.

Ra x-xhieda ta' PC 388 Clayton Azzopardi[3];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[4];

Sema' x-xhieda ta' Dr. Jonathan Gatt u ta' Felix Barbara, flimkien mad-dokumenti eżebiti[5];

Sema' x-xhieda tal-ex spettur Matthew Spagnol[6];

Ra dak li seħħ fis-seduti tal-5 ta' Ottubru 2021 u tal-4 ta' Novembru 2021 fejn il-konvenut ingħata l-opportunitá sabiex iressaq provi iżda baqá m'għamel xejn. F'din l-aħħar data ġew magħluqa l-provi tiegħu.

---

[2] A fol 7 tal-proċess
[3] Xhieda seħħet fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2020.
[4] A fol 28 tal-proċess.
[5] Xhieda seħħet fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2021.
[6] Xhieda seħħet fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2021.

Sema' t-trattazzjoni finali da parti tal-avukat difensur tal-atturi, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta kif ordnat[7];

Ra li għalkemm il-konvenut ingħata l-fakultá li jippreżenta nota ta' osservazzjonijiet, huwa naqas milli jagħmel dan.

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anki għaliex ix-xhieda ma ġietx mismugħa minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed PC 388, Clayton Azzopardi[8]. Spjega li dakinhar tal-inċident huwa mar fuq il-post mas-surġent Ivan Attard. Dak il-ħin il-vettura ma kinitx fil-post iżda raw d-*display* tal-ħanut imkisser. L-istabbiliment kien jismu Eat Me, I'm Famous, ġewwa Triq Sant' Wistin, San Ġiljan. Dan kien fid-29 ta' Mejju 2017. Jgħid li tkellem ma' persuna li kien hemm wara l-*counter*. L-okkorrenza saret mis-surġent.

[7] Din tibda a fol 84 tal-proċess.
[8] Xhieda relattiva tibda a fol 18 *et seq* tal-proċess.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Dr. Jonathan Gatt[9]. Huwa spjega li huwa *legal officer* ta' Citadel Insurance. L-assigurati kienu Felix Barbara u Richard Mangion għan-nom ta' Eat Me I'm Famous. Il-kopertura kienet tkopri l-bini. Ġiet ippreżentata l-polza relattiva. Spjega li daħlet *claim* fejn ġie allegat li Melvin Debono daħal bil-vettura tiegħu ġewwa l-istess proprjeta' u ġiet ikkawżata ħsara. Sar ħlas tal-*excess* fl-ammont ta' €125 u wara li l-assikurat sewwa l-ħsarat kollha, dan ġie kkumpensat mis-soċjetá assikurattriċi. L-ammont kien ta' €2,300.48c. Ix-xhud ikkonferma dokumentazzjoni fil-proċess u ġiet eżebita aktar dokumentazzjoni kontenenti prospett.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Felix Barbara[10]. Spjega li fis-sena 2017 huwa kien wieħed mis-sidien tal-istabbiliment Eat Me I'm Famous. Kien joperah hu. Dakinhar tal-inċident huwa ma kinx fuq il-post, dan kien tard bil-lejl. Cempillu lavrant tiegħu u huwa niżel jara x'kien ġara. Ra li l-ħanut kien imkisser. Kien hemm xi student barra l-fond u dan ix-xi ħadt ġibed *video* ta' dak li kien seħħ. Wara li ra l-prospett eżebit ikkonferma li l-ħsara kienet seħħet f'dawk l-oġġetti. Għalkemm ma jiftakarx kemm kien ħallas bħala *excess* jiftakar lis-soċjetá assikurattriċi kienet ħallset mingħajr problemi.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll l-eks Spettur Matthew Spagnol[11]. Ikkonferma r-rapport u li kien hu li investiga l-każ. Spjega li kien irċieva telefonata tard bil-lejl mis-Surgent Ivan Attard fejn dan infurmah li xi ħadd kien saq karozza direttament għal ġo l-ħanut. Dan instab li kien Melvin Debono. Dan kien qiegħed isuq karozza tal-għamla BMW. Sar kuntatt mas-sid Felix Barbara u dan urih *footage* tal-inċident. Kien hu li ħa l-istqarrija ta' Melvin Debono. Jgħid li kienu ittieħdu proċeduri kriminali kontra Debono iżda ma jiftakarx l-eżitu tagħhom.

[9] Xhieda relattiva tibda a fol 32 *et seq* tal-proċess.
[10] Xhieda relattiva tibda a fol 35 *et seq* tal-proċess.
[11] Xhieda relattiva tibda a fol 73 *et seq* tal-proċess.

Saru jafu min huw s-sid tal-vettura min-numru ta' reġistrazzjoni. Jgħid li qabel ma ttieħdet l-istqarrija Melvin qallu li din kienet bi tpattija kontra xi wieħed jismu Iuon Volentin Bogatu. Dan tal-aħħar qatt ma nstab.

Illi magħmul dan ir-riassunt huwa bil-wisq ovvju li l-atturi qegħdin jitolbu l-indennizz ta' ħlas magħmula mis-soċjetá attriċi lill-atturi[12] b'riżultat tal-inċident mertu tal-azzjoni li huma jgħidu li seħħ tort tal-konvenut.

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni, dan it-Tribunal jgħid mill-ewwel li din hija ħażina u sejra tiġi mwarrba. Bilkemm wieħed għandu għalfejn jiddilunga żżejjed billi jispjega li fis-sistema ġuridika tagħna, l-azzjonijiet ċivili u dawk kriminali huma distinti u separati minn xulxin. Wara kollox dan jinsab kodifikat f'diversi artikoli tal-liġi[13]. Kienet għalhekk korretta l-avukat difensur tal-atturi meta ssenjalat dan il-punt b'referenza ġurisprudenzjali in materja fit-trattazzjoni tal-għeluq[14].

---

[12] Id-dokumenti konċernanti s-surroga jinsab debitament eżebit a fol 8 tal-proċess.

[13] Dan jemerġi ċar mill-artikoli 3, 4 (dan jitkellem dwar azzjoni essenzjalment pubblika u mhux privata bħal azzjoni ċivili) u 6 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ta' min wieħed jissenjala wkoll l-artikolu 26 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jkompli jikkonferma d-distinzjoni bejn iż-żewġ azzjonijiet u l-fatt li kull kundanna ta' penali tħalli impreġudikata l-azzjoni ċivili. Naturalment huwa l-grad tal-prova li huwa differenti kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Farrugia noe vs Emanuel Zahra et,** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Ottubru 1996 (mhux appellata) u ċioé li *"Dina l-Qorti m 'ghandhiex ghalfejn iddum dwar din l- eccezzjoni hlief Ii tfakkar lill-konvenut fid-distinzjoni li dejjem saret fil-gurisprudenza taghna bejn il-process civili u dak kriminali u dan, partikolarment fil-konfront ta· responsabbilita u l-provi mehtiega biex il-gudikant jasal ghal-konkluzjoni tieghu; Fil-kamp kriminali tezisti d-dottrina lngliza ta' beyond reasonable doubt biex l-imputat jinstab hati u fin-nuqqas ta' dan il-kriterju fil-mens tal-Magistrat huwa jrid jillibera; F'dak civili l-prova mehtiega hija inqas rigoruza u huwa bizzejjed illi f'mohh il-gudikant tezisti l-konvinzjoni morali li bejn iz-zewg kontendentj t-tezi ta' wiehed hjja djk korretta u vera;"*

[14] Korrettement, saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dr. Stephen Thake noe vs Ronald Apap,** (Ċit Nru: 137/1991/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 2003 (mhux appellata). B'żieda ma dan, jekk b'xi mod l-eċċezzjoni tal-konvenut qiegħda talludi għall-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* allura it-Tribunal jirreferi għal sentenza preċedenti fl-ismijiet **Raymond Grech vs Joseph Caronaro *noe*,** mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ nhar it-2 ta' Marzu 1988 fejn intqal hekk: *"Illi dwar l-eċċezzjoni ta' "lis alibi pendens", l-artikolu relattiv tal-liġi (792 tal-Kap.12) jgħid li "meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti kompetenti l-oħra". Huwa ovvju li dan il-provvediment*

Għalhekk il-fatt li fil-ħin li ġiet ippreżentata din it-Talba kien hemm xi proċeduri kriminali kontra l-konvenut ma kien, u ma huwa ta' ebda xkiel għal din l-azzjoni[15]. B'hekk din l-eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa.

Illi mill-bqija tal-eċċezzjonijiet, jirriżulta li l-konvenut, kif diġa intwera u ġie spjegat hawn fuq, naqas, jew aħjar abdika, mir-responsabbiltà tiegħu li jkompli jsegwi dawn il-proċeduri[16]. Jirriżulta ċar li naqas fiħ l-interess meħtieġ sabiex jiddefendi sew l-azzjoni proposta kontra tiegħu. Ta' min wieħed jissenjala li t-tieni eċċezzjoni tistona ferm ma' dak minnu liberalment sottomess lill-Pulizija *a tempo vergine*[17].

Illi jrid jingħad ukoll li l-konvenut naqas milli jagħmel kontro-eżami, imqar wieħed, tax-xhieda kollha prodotta mill-atturi. Anke hawn, il-konvenut kien karenti għal-aħħar. Huwa prinċipju stabbilit fis-sistema ġuridika nostrana li għal dak li jikkonċerna n-nuqqas ta' utilizzar tal-kontro eżami, xhieda mogħtija in

---

*ma jistax jiġi attwati fiċ-ċirkostanzi tal-każ, apparti l-fatt li l-liġi stess tgħid li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra."*

[15] Ta min wieħed jissenjala wkoll li jidher li dawn il-proċeduri kriminali ġew finalment deċiżi permezz ta' sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Melvin Debono**, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-6 ta' Diċembru 2019.

[16] Fis-sentenza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c vs Bianchi Mobili Limited,** (App Ċiv Nru: 562/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ġie mfakkar hekk: *"Fil-kaz prezenti l-Qorti ma tistax ma tinnotax illi ghalkemm ir-rapprezentant legali tas-socjeta` appellanti jittanta jiggustifika l-assenza tieghu fis-seduta mhollija ghall-provi mhux l-istess jista' jinghad ghall-istess socjeta` appellanti. Din ma tavvanza ebda raguni ghall-assenza taghha millproceduri u in partikolari fis-seduta li fiha kellha tressaq ilprovi taghha. Intqal li "hu dover tal-parti illi minn rajha tassigura ruhha li tkun taf bid-differimenti tal-kawza u li tidher anke fl-assenza ta' l-avukat. Hu biss b' din ilpresenza li l-konvenut jimmanifesta l-interess tieghu fil-proceduri" ("Saviour Farrugia nomine -vs- Anthony Wismayer", Appell, 25 ta' Gunju 1997). Ghaldaqstant issocjeta` appellanti m' ghandhiex hlief tlum lilha nnifisha u jkollu jinghad illi imputet sibi. L-aggravju taghha fuq dan il-punt ma jistax ghalhekk la logikament u lanqas guridikament jigi akkolt"*

[17] Fir-rapport, partikolarment a fol 49 tal-proċess hemm miktub hekk: *"Melvin Debono (ID. 304591M) ġie mitkellem nhar id-29 ta' Mejju 2017 stess fejn dan ġie mogħti d-drittijiet tiegħu qabel rilaxxa stqarrija iffirmata, u iddikjara li ma riedx ikellem avukat qabel l-istqarrija. Huwa ammetta li dak li għamel kien intenzjonat peres (recte: peress) li lavrant tal-Eat Me I'm Famous ittantalu t-tfajla tiegħu."*

eżami li ma tiġix sottoposta għal xi forma ta' skrutinju tiġi qisha ġiet aċċettata bhala veritiera[18]. Dan it-tagħlim jinsab rifless ukoll f'diversi sentenzi tal-Qrati u tribunali nostrana[19]. Naturalment peró dan qiegħed jingħad fid-dawl ukoll tal-inattivitá fil-kumpless ġenerali tal-konvenut, kif indikat hawn fuq f'dawn il-proċeduri[20].

B'dan reġistrat, it-Tribunal ma jistax jara kif b'xi mod huwa prova l-eċċezzjonijiet tiegħu, meta wara li ġie rinfaċċjat bil-provi tal-atturi huwa baqa' hekk passiv u subenti. Il-konvenut naqas milli jsewgi kemm dawn il-proċeduri b'mod diliġenti kif rikjest minnu u milli joqgħod mal-massima *reus in excipiendo fit actor*[21]. Wara kollox, eċċezzjoni bħal talba, tibqa' mera allegazzjoni mingħajr

[18] L-Awturi Richard Glover u Peter Murphy, fl-opra tagħhom **Murphy on Evidence** jgħidu hekk: *Failure to Cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held techincally to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallened ebidence of a witness called by his oppononet, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine*" –XIII edizzjoni, a fol 632.

[19] *Vide inter alia,* is-sentenza fl-ismijiet **Michael Mangion et vs Il-Kontrollur tad-Dwana,** (Rik Nru: 1338/10 MCH), deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-18 ta' Lulju 2017. Wieħed huwa wkoll mistieden jara s-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut, fl-ismijiet **Emanuel Esposito vs Carmelo Mugliett**, (Talba Nru: 208/2017 KCX) deċiża fid-9 ta' Jannar 2019 (mhux appellata).

[20] Fis-sentenza fl-ismijiet **Knightsbridge Developments Limited (C-41829) vs Citadel Insurance plc,** (Rik Nru: 978/08 TA), deċiża fis-7 ta' Lulju 2017 (pendenti appel) ġiet ritenut hekk: *"Is-Socjeta` attrici tkompli targumenta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, li l-fatt wahdu li ma gewx kontro ezaminati x-xhieda taghha, li dak li qalu dawn ix-xhieda ghandu jittiehed bhala vangelu. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma din il-posizzjoni. Li kieku s-Socjeta` konvenuta baqghet inattiva ghal kollox waqt il-kawza, kienet tkun storja ohra mil-lat ta' evalwazzjoni probatorja. Izda xhud mhux kontro-ezaminat, ix-xhieda tieghu xorta tista' tigi kkonfutata bi provi ohrajn li jitressqu waqt il-kawza. Il-provi li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tilhaq dak il-konvinciment necessarju fuq bilanc ta' probabbilitajiet huma varji. Xhieda mhux kontestata ghax ma sarx kontra ezami tax-xhud, ma jfissirx li din tibqa' wieqfa fuq saqajha, jekk jigu prodotti provi ohrajn li jinnewtralizzaw l-effikacja taghha, ghas-semplici raguni li ma jkunx sar il-kontro ezami tax-xhieda jew xhud."*

[21] Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** (Appell Ċivili Nru: 503/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' April, 2007 ġie ritenut hekk: *"ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu ('actori incumbit probatio'), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur ('reus in excipiendo fit actor')"*

is-sostenn tal-prova[22]. M'għandux ikun it-Tribunal li jagħmel dak li għandha tagħmel parti f'kawża[23].

Illi l-atturi rnexxielhom jippruvaw kemm il-fatt tad-dannu, ir-responsabbiltà tal-istess u l-*quantum* mitlub minnhom.

Illi mill-provi, mhux kontrastati, jirriżulta ċar li l-azzjoni attriċi hija meritevoli t'akkoljiment, salv għal dik il-parti li tikkonċerna l-ħlas tal-imgħax. Dan qiegħed jingħad għaliex għalkemm l-atturi jiddikjaraw li l-ittra uffiċjali msemmija minnhom ġiet debitament notifikata, ma hemmx prova ta' dan fil-proċess. Għalhekk, sejjer jiġi utilizzat l-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[24].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, qiegħed jilqá t-talba attriċi u jiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fid-29 ta' Mejju 2017 fl-istabbiliment Eat Me I'm Famous li jinsab fi Triq Santu Wistin, San Ġiljan meta volontarjament u dolożament baqa dieħel bil-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni MCF127

---

[22] Fis-sentenza fl-ismijiet **F. Advertising Limited vs Simon Attard et** (Appell Ċivili Nru: 866/2007/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-21 ta' Mejju 2010, intqal hekk: *"Kif imtenni bosta drabi minn din il-Qorti, id-disponibilita` tal-provi hi dejjem mhollija fl-inizzjattiva tal-parti. Dan, multo magis, imbaghad in vista tal-principju generali li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba biex issostni d-domanda. Jekk dan ma jsirx, u fid-djalettika processwali l-parti tonqos li ggib il-prova okkorrenti, dik l-istess parti ma tistax tlum lit-Tribunal milli jiddeciedi iuxta alligata et probata ghax dan hu wkoll principju konsagrat fid-duttrina procedurali u, in kwantu tali, jintitola lill-gudikant li jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvinċenti".*

[23] F'dan is-sens, b'mod speċjali għal dak li jikkonċerna dan it-Tribunal, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Fallon Grech Blackman vs Lara Filletti**, (App Ċiv Nru: 474/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 fejn dwar dan intqal hekk: *"B'danakollu dan ma jfisserx, ukoll, illi kien hemm xi obbligu fuq it-Tribunal f'dan il-kaz li jikkonduci hu l-provi tal-partijiet."*

[24] Dan jgħid hekk: *"F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni."*

fl-imsemmi stabbiliment, u b'konsegwenza ta' liema azzjoni l-istess stabbiliment li huwa propjetá tas-soċjetá attriċi Eat Me I'm Famous Ltd u assigurata mas-soċjetá attriċi sofra danni u konsegwentement jordna lill-konvenut iħallas id-danni fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u wieħed u tletin Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,431.99) bl-istess modalitá kif indikat fl-Avviż u ċioé l-ammont ta' mija ħamsa u għoxrin Ewro (€125) jitħallas lis-soċjetá attriċi Eat Me I'm Famous Ltd u l-ammont ta' elfejn, tlett mija u sitt Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,306.99) jitħallas lis-soċjetá attriċi Citadel Insurance plc, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba u ċioé mil-31 ta' Ottubru 2019[25].

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dawk tal-ittra uffiċjali imsemmija fl-Avviż tat-Talba[26] jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[25] Dan minħabba r-raġunament mogħti fil-paragrafu preċedenti għad-*decide*.